MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1864/2004

**Wembley Crane Hire Limited**

**vs**

**Simon Zammit**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Ottubru 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u sitta u tletin lira Maltin (Lm236.00) rapprezentanti prezz ta' servizzi, inkluz kiri ta' crane, f'Melita Street, Vallettta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 24 ta' Settembru 2004 u bl-imghaxijet kummercjali sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u sitta u tletin lira Maltin (Lm236.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------